IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum 27 t' Awwissu, 2025

Rikors numru: BCT/26/2025

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sarsero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Alfred Micallef

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra l-appell li sar permezz ta' rikors fejn l-appellanti ikkontesta d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 11 ta' Marzu, 2025 fejn permezz taghha l-Awtorita` imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' ghaxart elef euro (€10,000) u dana peress li "*it-8 ta' Marzu, 2025, kif ukoll fil-granet u fix-xhur ta' qabel instabt taghmel xoghol ta' kostruzzjoni gewwa l-istess sit, minghajr ma ssottomettejt applikazzjoni ghal-licenzja ta' kuntrattur skont Taqsima 1, Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.09*"

Illi permezz tal-appell tieghu l-appellanti ressaq is-segwenti aggravji:

1. Illi jehtieg li l-Awtorita` tressaq prova illi l-appellanti kien qed jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni fis-sit in kwistjoni.
2. Illi jehtieg li mhux biss jigi pruvat li l-appellant kien qed jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni f'kull wahda mit-tliet dati in kwistjoni u cioe` fit-8 ta' Marzu, 2025, fil-granet ta' qabel it-8 ta' Marzu u fix-xhur ta' qabel it-8 ta' Marzu, 2025 u wkoll li l-appellanti kien qed jaghmel xogholijiet bhala kuntrattur u mhux bhala bennej u ebda ezenzjonijiet stabbiliti mil-ligi ma kienu applikabbli.
3. Illi l-appellanti jiddetjeni licenzja ta' bennej li kienet valida sat-30 ta' Gunju, 2025, dejjem ezercita s-sengha ta' bennej b'ghaqal kbir. Hu ma jahtix ghal nuqqasijiet ta' natura amministrattiva.
4. Illi d-decizjoni appellata mhux korretta u/jew ragjonevoli
5. Illi l-penali hija wahda esagarata.

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorita` appellata qeghda umilment tissottometti li kwakunkwe decizjoni mehuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*
2. *Illi l-appellanti m'ghandux ragun stante li r-reat li jikkorrispondi mac-cirkostanzi tal-kaz ma huwiex dak elenkat fis-subregolament (2) izda huwa dak tas-sub-regolament (1) u kwnid l-Awtorita` meta imponiet l-ammont ta' €10,000 kienet in konformi mar-regolamenti.*
3. *Illi skont l-anness NPS report, immarkat Dok A, jidher car li nhar 8/3/2025 kien qed jsir xoghol in kontravvenzjoni tar-regolamenti indikati mill-appellanti*
4. *Illi qeghdin jkunu wkoll annessi Trail of Event, immarkata bhala Dok B u sett ta' ritratti immarkati bhala Dok C.*
5. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qieghda umilment itilob li dan l-Onor. Tribunal sabiex tichad l-appell odjern.*
6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha prezentati mill-partijiet.

Sema' x-xhieda ta' Alexei Debono waqt is-seduti datati 9 ta' Lulju, 2025 u 30 ta' Lulju, 2025.

Ra li waqt l-istess seduta l-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi u l-appell thalla ghas-sentenza ghall-lum.

Ikkunsidra

Illi mill-aspett prettament legali jirrizulta li dak li qed jigi effettivament imputat lill-appellanti u li konsegwentement irid jigi pruvat mill-Awtorita` huwa li l-appellanti "*it-8 ta' Marzu, 2025, kif ukoll fil-granet u fix-xhur ta' qabel instabt taghmel xoghol ta' kostruzzjoni gewwa l-istess sit, minghajr ma ssottomettejt applikazzjoni ghal-licenzja ta' kuntrattur skont Taqsima 1, Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.09*".

Illi hekk ukoll ir-regolament 3 tal-Ewwel Taqsima tal-LS 623.09 jipprovdi testwalment li

> *(1) L-eżerċizzju ta' kwalunkwe attivitajiet ta' servizz stipulati fl-Iskeda I ma għandux jitwettaq minn kwalunkwe persuna jew entità sakemm l-imsemmija persuna jew entità ma tkunx kisbet liċenzja valida għall-eżerċizzju ta' tali attività ta' servizz.*

Illi l-ewwel zewg aggravi sollevati mill-appellanti effettivament jirrigwardaw l-oneru tal-prova imqieghed fuq l-Awtorita`. Ghandu jigi kkunsidrat li l-livell ta' prova mehtiega minn dan it-Tribunal m'hijiex wahda li teskludi kull dubbju ragjonevoli. Fil-fatt jinsab deciz illi:

> *Minkejja li dan it-Tribunal ma huwiex forum kriminali fejn l-oneru ta' prova għandu jkun mingħar ebda ombra ta' dubju, huwa xorta mistenni li jkun hemm l-konvinċiment u provi sostanzjali li fuq bażi ta' probabilita' jindikaw li dak il-fatt sar.* (decizjoni minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut datata 5 ta' Diċembru, 2023 Rikors numru: BCT/43/2023 **James Dalli Vs Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni**)

Illi bl-istess mod jinsab deciz li fl-ambitu ta' proceduri quddiem tribunal amministrattiv bhal dak odjern:

Dan it-Tribunal mhuwiex tal-fehma illi multi amministrattivi ta' dan it-tip ghandhom jigu trattati daqs li kieku kienu multi inflitti wara process kriminali u ghaldaqstant l-oneru tal-prova dwar dak allegat jibqa' regolat bir-regoli procedurali fil-kamp amministrattiv, u cioe`, li l-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli. (deciza mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fit-13 ta' Gunju 2017 Rikors Numru. 158/2013 fl-ismijiet **Kenneth Vassallo Vs Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**).

Illi l-appellanti jikkontendi li hu jinsab munit b'licenzja ta' bennej (*mason's licence*) b'data ta' skadenza 30 ta' Gunju, 2025. Huwa ma jichadx li fid-dati tal-imputazzjonijiet huwa ma kienx kopert b'licenzja ta' kuntrattur imma jikkontendi, gustament, li ghas-success tal-imputazzjoni taghha, l-Awtorita` trid tipprova li l-appellant kine qed iwettaq xoghol ta' kostruzzjoni li kien jehtieg minnu licenzja bhala kuntrattur u mhux biss bhala bennej.

Illi f'dan ir-rigward, l-ufficjal tal-Awtorita` Alexei Debono xehed li huwa mar fuq is-sit wara rapport ta' korriment. "*Dhalna fuq il-post jiena u l-ispettur l-iehor li kien mieghi u kien hemm ukoll Victor Parnis prezenti li kellu c-cwievet u gwidana fuq is-sit.* (….) *Nghid illi ahna tlajna fuq il-bejt li kien il-post fejn kien wegga l-haddiem li jien nghid li jismu Alfred. Hemmhekk sibna karretta bit-tajn li kien frisk. Din kienet fis-sular t'isfel. Sibna invell, il-measuring gauge, it-thermos stainless steel, riga, pal (musmar kbir). Il-magna li tqatta' l-gebel kienet mikxufa. Haddiemha fuq is-sit ma rajniex, kien hemm biss Victor Parnis.*"

Ikompli: "*Skont ir-rapport tal-pulziija nghid illi l-kuntrattur li kien qed jaghmel xogholijiet u li wegga` jismu Alfred Micallef. Ahna hrigna l-penali skont id-decizjoni tal-11 ta' Marzu, 2025 peres li rrizulta li l-persuna li kienet wegggħet, Alfred Micallef, kien qed jaghmel xogholijiet u ma kienx licenzjat.* (…)" Ix-xhieda tieghu tkompli:

"*Fuq mistoqsija tat-Tribunal biex infisser id-differenza bejn Mason's License u Contractor's License nghid illi fir-rigward tal-Contractor's License din isimha maghha din hija licenzja ghal kuntrattur li jkun jista' jqabbad in-nies jahdmu*

mieghu. Mason's License hija licenzja ghall-bennej biex ikun jista' jwettaq xoghol ta' bini."

In kontro-ezami kompla jfisser li "*B'Mason's License, min ikollu din il-licenjza, jista' jaghmel xoghol ta' bini, Qed nigi mistoqsi jekk min ikollu Mason's License jistax ikun self-employed, nghid illi iva Mason jista' jahdem ghal rasu. Nghid pero` illi fuq kull sit suppost ikun hemm contractor.*"

In kontro-ezami ulterjuri waqt is-seduta tat-30 ta' Lulju, 2025 l-istess xhud kkonferma li fit-8 ta' Marzu lill-appellanti lanqas biss rah fuq is-sit, "*ma rajtux jagixxi bhala kuntrattur f'dik id-data. Fuq il-post qatt ma mort qabel it-8 ta' Marzu. Naqbel allura illi fil-jiem qabel it-8 ta' Marzu lanqas ma rajt lil Alfred Micallef jagixxi bhala kuntrattur. Hekk ukoll fil-gimghat qabel it-8 ta' Marzu, 2025. Qed issirli referenza ghar-ritratti li hadt fuq il-post u nikkonferma li l-ghodda li tidher hemmhekk hija ghodda li tintuza mill-bennejja*."

Illi r-regolament LS 623.09 tipprovdi s-segwenti definizzjoni tat-terminu kuntrattur:

"kuntrattur" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-Att, u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha tirreferi għal-persuna fiżika jew entità li tintrabat jew tkun ikkuntrattata sabiex twettaq xi waħda mill-attivitajiet ta' servizz elenkati fl-Iskeda I

L-iskeda I tipprovdi:
L-attivitajiet ta' servizzi li għalihom hija meħtiega liċenzja:
(a) demolizzjoni;
(b) skavar u piling;
(ċ) kostruzzjoni;

Illi referibilment ghal-licenzja ta' kuntrattur ir-regolament 4 tal-istess LS 623.09 ikompli jipprovdi li:

(1)Kwalunkwe attività ta' servizz elenkat fi Skeda I għandhom jitwettqu minn detenturi tal-liċenzja skont dawn ir-regolamenti:

Iżda xogħolijiet minuri jistgħu jitwettqu mid-detentur ta' liċenzja tal-kostruzzjoni:Iżda ukoll id-Direttur tax-Xogħolijiet Pubbliċi, il-Kummissarju tal-Pulizija, il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta u d-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili, jew xi wieħed mid-Dipartimenti tal-Gvern għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti stipulati f'dawn ir-regolamenti soġġett għar-rikjesta għall-eżenzjoni li għandha tiġi sottomessa u approvata mill-Bord skont l-artikolu 21 tal-Att.
(2) Il-miżati applikabbli għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal-liċenzja, il-ħruġ tal-liċenzja u t-tiġdid tagħha għandhom ikunu preskritti fl-Iskeda III.

Skont Regolamenti jirrizulta li z-zamma ta' licenzja valida ta' bennej hija talvolta kriterju ta' eligibilita` ai fini tal-hrug ta' licenzja bhala kuntrattur skont l-istess Regolamenti imma certament ma sservix bhala xi forma ta' permess biex persuna tkun fuq is-sit u twettaq xoghol fuq il-lant. It-Tribunal ma jaqbilx li, skont il-ligi, il-licenzja ta' bennej hija differenti minn dik ta' kuntrattur esklussivament ghax dan tal-ahhar jista' jingaggja nies fuq is-sit, tant illi l-ufficjal tal-Awtorita` jikkonferma li anke bennej jista' jahdem ghal rasu.

Min-naha l-ohra, ir-Regolamenti, sa mid-definizzjoni stess ta' kuntrattur, jipprovdi li kull min ikun gie mqabbad iwettaq xoghol skont Skeda I irid ikun minut b'licenzja ta' kuntrattur, salv xogholijiet minuri.

Illi mir-ritratti ezebiti jirrizulta car li x-xoghol fuq is-sit ma kienx wiehed minuri. Jirrizultaw travetti u tavluni fuq is-si tu hitan mibnijin friski. Ghalkemm l-ufficjal tal-Awtorita` xehed li la ra lill-appellanti fuq il-post u wisq anqas rah iwettaq xoghol, ir-rapport tal-Pulizija jipprovi kjarament li:

"*Meta il-Pulizija waslu fuq il-post sabu lil persuna imwegga li huwa certu Alfred Micallef u irrizulta li kien qed jaghmel xogholijiet gewwa l-imsemmija residenza li hija proprjeta` ta' certu Michael Schembri Parnis u ghal xi raguni cedew xi xorok li kien jinsab fuqhom u kien jinsab fuqhom u kien waqa' madwar gholi ta' sular.*"

Tali rapport jikxef lilhinn minn kull dubbju li l-appellant kien jinsab fuq is-sit mhux kazwalment imma biex iwettaq xogholijiet tant illi korra meta cedew xi xorok bih. A konferma ulterjuri ta' dan jigi nutat li skont it-Trail of Events prezentata mill-Awtorita` sa mit-13 ta' Novembru, 2024 kien gie nutat li l-kuntrattur nominat ghas-sit kien proprju Alfred Micallef u

li dan ma kienx minut bil-licenzja necessarja ghal dan l-iskop ("*the nominated building contractor (Alfred Micallef) is not registered to perform such works and to nominate a registered contractor and resubmit an updated change of responibility form and an updated summary form*"). Fl-10 ta' Frar, 2025 l-Awtorita` jidher li talbet mill-gdid li jigi nominat kuntrattur licenzjat u s-sit gie maghluq fl-14 ta' Frar, 2025. Mill-istess Trail of Events jirrizulta li, minkejja dan kollu, il-kuntrattur nominat ghas-sit baqa' l-istess appellanti li ma giex sostitwit u li, minkejja li kien projbit milli jwettaq xoghol skont Skeda I fuq is-sit fin-nuqqas ta' licenzja u wkoll minkejja li s-sit kien ordnat maghluq mill-Awtorita` beda u kompla ghaddej bix-xoghol fuq is-sit tant illi korra fih f'cirkostanzi li setghu kienu ferm aktar gravi jekk mhux tragici ghalih jew anke ghal haddiehor.

Fic-cirkostanzi l-appellanti ma jistax jinheba wara xi dubbju dwar jekk kienx merament bennej fuq il-post u mhux il-kuntrattur fis-sit u dana ghaliex it-Trail of Event tal-Awtorita` tikxef li r-rwol tieghu fuq is-sit kien u baqa' dak ta' kuntrattur, minkejja li l-Awtorita` stess talbet li l-applikazzjoni tigi ri-sottomessa bil-hatra ta' kuntrattur iehor, din id-darba licenzjat, li jkun responsabbli ghas-sit skont il-ligi.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal isib li l-Awtorita` irnexxielhaa tisodisfa l-oneru ta' prova imqieghed fuqha sabiex appuntu tnissel fit-Tribunal il-konvinciment morali li l-imputazzjoni kif dedotta kontra l-appellanti tirrizulta ampjament pruvata u bl-ebda mod kontraddetta.

Dan huwa kaz li proprju jikxef kemm hu essenzjali li kull min ikun ser iwettaq xoghol fuq is-sit ikun mhux biss licenzjat imma wkolli li jissodisfa il-kriterji ta' eligibilita` li jinkludu tahrig u wkoll esperjenza. Jinkombu wkoll fuq il-persuna licenzjata ghadd ta' obbligi legali ai fini tas-sigurta` fuq is-sit. F'dan il-kaz huwa car li l-appellanti, oltre l-persuna li inkarigatu, hasbu li setghu jinjoraw dan kollu u jibqghu ghaddejjin nonkuranti ta' dak mehtieg mil-ligi mhux biss ghall-protezzjoni ta' terzi u tal-pubbliku imma wkoll ghall-protezzjoni ta' kull min irid iwettaq xoghol fuq is-sit.

Illi fir-rigward tat-tielet aggravju tal-appellanti, it-Tribunal isib ukoll li l-Awtorita` irnexxielha certament tipprova li l-appellanti kien qed iwettaq xoghol mhux licenzjat fuq is-sit fit-8 ta' Marzu, 2025 meta sehh l-incident. Tramite it-Trail of Event jirrizulta li l-appellant kien ilu indikat bhala l-kuntrattur almenu sa minn Novembru, 2024 u kwindi ghal diversi gimghat u xhur qabel sehh l-incident fejn Micallef korra. Ir-ritratti ezebiti juru li x-xogholijiet fuq is-sit

kienu fi stat avvanzat u m'hemmx provi li b'xi mod jindikaw li dan ix-xoghol seta' sar minn terzi persuni. Ghaldaqstant it-Tribunal isib li anke dan l-aggravju ghandu jigi michud.

Illi fir-rigward tal-penali amministrattiva it-Tribunal isib li r-Reg 24 jipprovdi testwalment:

> *(1) Minkejja kwalunkwe dispożizzjonijiet oħra ta' dawn r-regolamenti, u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċedura li persuna jew entità li qed taġixxi bi ksur ta' dawn ir-regolamenti tista' tkun soġġett għaliha taħt kwalunkwe liġi oħra, l-Awtorità tista', wara li toħroġ avviż ta' infurzar skont l-artikoli 23, 24, 25 u 26 tal-Att, timponi piena amministrattiva skont dawn ir-regolamenti.*
> *(2) Il-penali amministrattiva imposta skont dawn ir-regolamenti ma għandhiex teċċedi l-ammont massimu tal-multa li l-ħati jista' jkun responsabbli għaliha għal reat korrispondenti skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 23.*

Ir-Regolament 23 jipprovdi:

> *23.(1) Kull min jassumi l-eżerċizzju ta' kwalunkwe mill-attivitajiet ta' servizz elenkati fl-Iskeda I bil-liċenzja sospiza jew mingħajr liċenzja valida maħruġa skont dawn ir-regolamenti, ikun ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti u jista' jeħel meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għall-perjodu ta' mhux aktar minn sitt (6) xhur jew multa ta' mhux iżjed minn ħamsin elf ewro (€50,000) jew dik il-priġunerija u multa flimkien, u f'każ ta' reat kontinwat, ikun hemm multa ulterjuri ta' ħamest elef ewro (€ 5,000) għal kull jum tar-reat kontinwat.*
> *(2) Kull min jonqos milli jsegwi kwalunkwe kundizzjonijiet ta' approvazzjoni jew tal-liċenzja maħruġa taħt dawn ir-regolamenti jew jikser kwalunkwe dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ikun ħati ta' reat bi ksur ta' dawn ir-regolamenti u meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn għaxart elef ewro (€10,000) u f'kaz ta' reat kontinwat, jeħel multa ulterjuri ta' ħames mitt ewro (€500) għal kull jum tar-reat kontinwat.*
> *(3) Kull min jagħmel dikjarazzjoni falza għall-finijiet ta' dawnir-regolamenti għandu jkun ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti, u meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn elf u ħames mitt ewro (€1,500), u dan mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe piena ogħla li l-persuna jista' jkun soġġett għaliha taħt liġijiet oħra.*

(4) Il-Qorti tista' wkoll tordna s-sospensjoni jew ir-revoka għal perijodu ddikjarat tal-liċenzja meta tikkundanna lid-detentur ta' liċenzja b'reat kontra l-Att u dawn ir-regolamenti, flimkien ma' kwalunkwe pieni speċifikati f'dawn ir-regolamenti.Penali amministrattivi.

Illi ghaldaqstant ghandha ragun l-Awtorita` meta, fir-rigward tal-ammont tal-multa massima, teccepixxi li huwa applikabbli ghall kaz is-subregolament 23(1) u mhux (2) u allura il-multa imposta mhijiex wahda massima skont il-ligi.

Illi madanakollu it-Tribunal isib li, tenut kont tac-cirkostanzi, il-multa hija xorta wahda eccessiva. Ghandu jigi kkunsidrat li f'dan il-kaz, kien l-appellanti stess li korra u dan fih innfisu ghandu jkun ta' lezzjoni dwar il-bzonn li l-ligi tigi segwita skrupolozament, anke ghaliex f'kazijiet bhal dawn, min jagixxi bi ksur tal-ligi jkun hafna drabi qed jipperikola mhux biss lilu nnifsu biss imma wkoll is-sahha u s-sigurta` ta' terzi u wkoll possibilment tal-pubbliku.

Tenut kont ta' kazijiet ohrajn fejn l-Awtorita` iddikjarat li tkun sodisfatta bil-hlas ta' penali ta' hamest elef euro minn persuni li ammettew l-akkuza bhal din dedotta kontrihom, it-Tribunal isib li f'dan il-kaz ukoll il-penali ghandha tigi ridotta ghas-somma ta' hamest elef (€5000) euro.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq qiegħed jichad l-appell sakemm kompatibbli mas-surreferit u konsegwentement jirriforma d-decizjoni datata billi jirriduci l-penali amministrattiva imposta ghas-somma ta' hamest elef euro (€5000) u jikkonfermaha ghall-bqija.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sarsero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru